MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 253/2013

**Marie Fiona Caruana *sive* Fiona Caruana Carabez**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attriċi fl-14 ta' Marzu 2013 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-esponenti twieldet fid-29 ta' Lulju 1974 minn ġenituri li jisimhom Carmelo Caruana u martu Maria Carmela kif jirriżulta miċ-ċertifikat ta' twelid tagħha li ġġib in-numru progressiv 3498;

U illi għalkemm fl-att ta' twelid tagħha, l-isem u l-kunjom tagħha ġew ndikati bħala "Marie, Fiona, ..." u "Caruana" rispettivament dan ma jirriflettix l-isem li biha kienet dejjem

u konsistentement magħrufa minn kulħadd, u dan billi kienet tissejjaħ dejjem “Fiona Caruana Carabez”;

U illi qatt ma kienet tissejjaħ bl-isem “Marie” jew “Marie Fiona”;

U illi fir-rigward ta’ kunjomha qiegħed jiġi ddikjarat li ħlief għaż-żmien meta kienet miżżewġa u ħadet il-kunjom tar-raġel, l-esponenti dejjem u konsistentement kienet magħrufa mill-familjari tagħha u kif ukoll mis-soċjeta’ bħala “Caruana Carabez”;

U illi l-fuq premess jirriżulta minn diversi dokumenti uffiċjali, inkluż is-segwenti dokumenti u ċertifikati hawn esebiti u mmarkati rispettivament minn dokument “B1” sa “B7”;

U illi l-esponenti għandha interess li jsiru l-korrezzjonjiet kollha neċessarji u opportuni sabiex isimha sħiħ jiġi ndikat bħala “Fiona Caruana Carabez”, u dana a tenur tal-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili li jagħti l-jedd lill-attriċi titlob għar-reġistrazzjoni tal-isem li bih kienet konsistentement magħrufa u li titlob li jsiru l-korrezzjonijiet kollha meħtieġa fl-Att ta’ Twelid u fl-atti kollha tal-istat ċivili tagħha;

Għaldaqstant, l-esponent umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna, inkluż li r-rikorrenti kienet konstantament magħrufa bl-isem “Fiona Caruana Carabez”:

1. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha neċessarji fl-Att tat-twelid tal-esponenti li jġib in-numru progressiv 3498 billi jsiru l-annotazzjonijiet meħtieġa fl-att sabiex isimha jiġi ndikat u tkun magħrufa bħala “Fiona Caruana Carabez” kull fejn ikun hemm meħtieġ;

2. Tordna li dan il-bdil effettwat fl-att tat-twelid jiġi rifless f’kull att tal-istat ċivili tal-esponenti u jekk ikun meħtieġ isiru l-korrezzjonijiet fis-sens li l-esponenti tiġi ndikata u magħrufa bħala “Fiona Caruana Carabez” kull fejn ikun hemm meħtieg;

3. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jagħti kopja vera tas-sentenza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal dak kollu li jgħid u jrid l-Artikolu 256 tal-Kodiċi Ċivili.

4. Salv kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fit-3 t'April 2013, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi fl-ewwel lok huwa essenzjali għall-intergrita' tal-ġudizzju li r-rikorrent jitlob bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża fis-sens li hija għandha tidher bħala *'Marie Caruana sive Fiona Caruana Carabez'* u mhux *'Marie Fiona Caruana sive Fiona Caruana Carabez' stante* li l-isem *'Marie Fiona'* ma jappartjenix lilha skond kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid tiegħu bin-numru ta' iskrizzjoni 3498 tas-sena 1974;

**<u>L-isem</u>**

Illi bla ħsara għal premess, għal dak li jirrigwarda l-isem tal-attriċi, l-esponent umilment jirrileva li ma jirriżultax mid-dikjarazzjoni maħlufa tar-rikorrenti u mill-att ta' twelid li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 3498/74 kien effettivament sar xi żball li għandu jiġi kkoreġut jew saret xi ommissjoni;

Illi għaldaqstant id-dikjarazzjoni mill-Qorti msemmija fl-ewwel talba fir-rikors ġuramentat għandha, diversament minn dak indikat mir-rikorrenti, tkun fis-sens li r-rikorrenti kienet konsistentement imsejħa u magħrufa bl-isem 'Fiona' u mhux 'Marie' kif hekk jidher fl-atti tal-istat ċivili

rispettivi tagħha u dan abbażi tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi f’dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esebiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw li l-isem tar-rikorrenti hija magħrufa bħala Fiona kif hekk jesiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti trid tressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits ta’ familjari li għandhom jikkonfutaw it-teżi tagħha, ossia li tul ħajjitha hija kienet konsistentement msejħa bħala Fiona u mhux Marie;

**Kunjom**

Illi bla preġudizzju għal fuq imsemmi, l-ewwel talba tar-rikorrenti rigwardanti l-att tat-twelid oriġinali tar-rikorrenti bin-numru progressiv 3498/74 hija nsostenibbli *stante* li l-imsemmija Att tat-Twelid ma jipprovdi l-ebda kolonna, intestatura jew spazju tal-ebda tip fejn jista’ jiġi nserit il-kunjom tat-tarbija;

Illi, ġaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni, isegwi li l-ebda bidla jew żieda ta’ kunjom ieħor ma tista’ tiġi effetwata lill-imsemmi att tal-istat ċivili skond id-dettami tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta. Għaldaqstant it-talba tar-rikorrenti msejsa kif inhi fuq il-korrezzjoni ma tistax tiġi milqugħa;

Illi missier l-attriċi jassumi l-kunjom Caruana u kif inhu ben magħruf il-wild jieħu kunjom missieru ma’ liema jista’ jiżdied kunjom xbubit ommu, u dan *ai terminu* tal-Artikolu 4 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi hawnhekk kunjom xbubit omm l-attrici huwa Pirrone;

Illi l-kunjom Carabez huwa kunjom omm missierha, u ċjoe’ n-nanna tagħha;

Illi biex l-attriċi tieħu kunjom in-nanna tagħha, missier l-attriċi jrid iżid il-kunjom t’ommu u dan permezz tal-

Formula T u sussegwentament l-attriċi tkun tista’ tieħu l-kunjom ta’ missierha (li jkun jinkludi ukoll il-kunjom tan-nanna tagħha) billi timla l-Formula U;

Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti salv pero’ li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f’għajnejn il-liġi;

Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent m’hijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrent stess, Carmelo Caruana, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta’ iskrizzjoni 3498 tas-sena 1974 u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits preżentati mill-attriċi;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Lulju 2013, il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi ntavolat din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għal korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi jirriżulta li l-attriċi u l-familja kollha tagħha dejjem kienu magħrufa bil-kunjom *‘Caruana Carabez’*, u li saħansitra l-

attriċi kienet senjatament magħrufa bħala *'Fiona'* minflok *'Marie'*. Għalhekk it-talba tal-atturi f'dan ir-rigward tista' titqies bħala ġustifikata. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dak li ġara u m'għandux ibati spejjeż. Min-naħa l-oħra l-Qorti taqbel mal-konvenut f'dak li eċċepixxa fis-sitt eċċezzjoni tiegħu, *stante* li huwa minnu li mkien fiċ-ċertifikat tat-twelid ma jkun hemm indikat kunjom it-tarbija iżda kunjom il-missier tat-tarbija. Minħabba f'hekk ukoll il-Qorti lesta li tapprova biss li ssir annotazzjoni u mhux tibil tal-isem *'ut sic'*. Il-Qorti tiċħad it-tieni talba sabiex din l-annotazzjoni tiġi riflessa f'kull att tal-istat ċivili peress li skond l-artikoli ġja' ndikati ma tistax tordna tiswija ta' atti li ma jiġux speċifikament indikati.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad it-talba għas-sostituzzjoni ta' isem u kunjom tal-attriċi, tilqa' t-talba sabiex issir annotazzjoni fis-sens li l-attriċi hija wkoll magħrufa bħala "Fiona Caruana Carabez", u tiċħad it-tieni talba għar-raġuni fuq indikata.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------